# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 138/2015**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Louise Calleja)**

**vs**

**Joseph Demanuele**

iben Angelo, imwieled Pieta', fl-1 ta' Lulju, 1967, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 273767(M)

Illum it-30 ta' Ottubru 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Demanuele quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. B' ghemil zieni kkorrompa persuni ta' taht l-eta' fosthom A u B, liema minuri gew fdati lilu, imqarr ghal xi zmien sabiex jiehu hsiebhom, jedukahom, jghallimhom, jindukrahom jew izommhom u liema delitt sar b' qerq (Art 203(1((b)u (c) tal-Kap 9);

2. Bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil diversi persuni taht l-eta' kontra l-volonta' taghhom fosthom A u B u dan bhala mezz biex huma jigu mgeghla jaghmlu xi haga, jew joqghodu ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghhom (Art 86 & 87(g) tal-Kap 9);

3. Ikkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq diversi persuni fosthom A u B (Art 207 & 201(b));

4. Bhala cittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew jekk f' Malta jew barra minn Malta, gibed jew ippermetta li jingibed xi ritratt, film, video recording jew xbiha elettronika ndicenti bhal dawn, jew kellu fil-pussess tieghu ritratt, film, video recording jew xbiha elettronika indecenti bhal dawn liema reat hu aggravat bil-fatt li xi whud minn dawn ir-ritratti, films, video recordings jew xbihat elettronici ndicenti (Art 208A tal-Kap 9);

5. Offenda l-pudur jew il-morali b' ghemil li sar f' lok pubbliku u/jew f' lok espost ghall-pubbliku (Art 209 tal-Kap 9).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Marzu, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tas-26 ta' Mejju 2008 u senjatament l-Artikoli 17, 18, 23, 31, 203(1)(c), 208A u 209 tal-Kodici Kriminali l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u kkundannatu hames (5) snin prigunerija. Il-Qorti ddikjarat lill-imputat mhux hati tat-tieni (2) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu minnha. Stante li t-tielet (3) imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghal-ewwel (1) imputazzjoni li taghha l-imputat instab hati l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti ordnat l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum fejn il-persuni protetti huma B u A.

Sabiex tigi protetta l-identita' taz-zewg minuri l-Qorti ordnat d-divjet tal-publikazzjoni ta' isem iz-zewg minuri u tal-familjari taghhom fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti kkundannat lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti ihallas lill-istess Registratur is-somma ta' €430.09 liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Demanuele minnu pprezentat fit-18 ta' Marzu, 2015 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza msemmija billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-ewwel (1), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni u fejn ikkundannatu ghall-piena ta' hames (5) snin prigunerija u tikkonfermaha fil-bqija u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkoncerna l-piena.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Lulju 2020, fejn fir-rigward tat-tieni aggravju mressaq mill-appellant, l-Avukat Generali qabel illi l-allegat abbuz li sehh fil-konfront tal-parti leza B gara zmien qabel dak indikat fl-akkuza.

Rat in-nota ta' Sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali ippreżentat nhar il-24 ta' Awwissu 2020.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant iqanqal diversi lanjanzi mahsuba biex jattakkaw is-sentenza appellata bil-maggior parti taghhom ikunu diretti lejn l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta hija tat affidament lil verzjonijiet tal-minuri u qieset il-verzjoni tal-appellant bhala inattendibbli, u dan ghaliex fil-fehma tieghu din kienet korroborrata minn diversi xhieda imressqa mid-difiza li kienu diretti sabiex igiddbu l-fatti kif impingija minn dawn iz-zewg guvintur u l-abbuz minnhom allegat, u li l-Ewwel Qorti lanqas biss qieset sabiex wasslet ghad-decizjoni taghha.

Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra, madanakollu, il-Qorti ser tghaddi biex tindirizza t-tieni aggravju imqanqal mill-appellant meta dan jilmenta illi gjaldarba l-Prosekuzzjoni xlietu b'akkuzi li sehhew fil-perijodu taz-zmien indikat fl-akkuza bhala 'Jannar 2005 u x-xhur ta' qabel din id-data', u gjaldarba mill-provi li jemergu mill-atti, b'mod ewlieni mix-xhieda tal-minuri B, jirrizulta illi l-abbuz fil-konfront ta' dan il-minuri sehh zmien qabel dak indikat fl-akkuza, kwindi l-Ewwel Qorti kellha tghaddi biex tilliberah mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u dan sa fejn l-istess kienu diretti lejn l-allegat abbuz subit minn dan il-minuri, B.

Illi l-Avukat Generali fil-kors tat-trattazzjoni orali quddiem il-Qorti jikkoncedi illi l-appellant ghandu ragun f'dan it-tieni aggravju minnu ntentat. Din il-Qorti qrat id-deposizzjoni tax-xhieda ta' B fejn jirriżulta illi hu kien irrapporta l-aġir inkriminatorju fis-sena 2003 bl-allegazzjoni illi dan kien sehh sitt xhur qabel ma sar dan ir-rapport. Jidher ukoll mill-atti proċesswali illi ma ġiex ippreżentat rapport uffiċjali ndikattiv tad-data preciza meta sehh dan l-allegat abbuz, iżda b'referenza għal xi uħud mix-xhieda tal-prosekuzzjoni, senjatament dik ta' David Schembri u Fr.Silvio Bezzina, dawn jikkonfermaw illi l-parti leza B kien fetaħ qalbu magħhom dwar dan l-abbuż fis-sena 2003, filwaqt illi Fr. Bezzina jindika wkoll illi l-appellant kien jattendi Dar San Ġuzepp bħala

volontier bejn is-snin 2000 u 2002, matul liema żmien hu kien jghin lil B fl-edukazzjoni tiegħu u waqt dan iz-zmien, allegatament, B kien qed jiġi abbużat sesswalment.

Illi allura gjaldarba ż-żmien indikat fl-akkuza jirrigwarda is-sena 2005 u x-xhur ta' qabel (u mhux is-snin ta' qabel) jidher illi l-appellant ghandu ragun f'dan l-aggravju minnu ntentat, kif jikkoncedi ukoll l-Avukat Generali fis-sottomissjonijiet minnu maghmula. Dan ifisser illi l-akkużi fil-konfront tal-appellant għal dak li jirrigwarda lil minuri B, ma setgħux jirnexxu u l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghall-istess. B'hekk it-tieni aggravju imqanqal mill-appellant jisthoqqlu akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant jinsab mixli b'mod ewlieni bir-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni, li fid-dawl tal-fatt illi l-Qorti ser tilqa' it-tieni aggravju sollevat mid-difiza, dan ir-reat ser jigi ikkunsidrat biss fir-rigward tal-parti leza A. Illi fil-kors tat-trattazzjoni orali quddiem il-Qorti, id-difiza tqanqal aggravju gdid u dan fid-dawl tal-emendi introdotti fil-ligi fil-mori ta' dan l-appell permezz tal-Att XIII tal-2018 fejn ir-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni, kif imfassal fl-artikolu 203 tal-Kodici Kriminali, issa huwa prosegwibbli biss fir-rigward ta' minuri ta' taht is-sittax-il sena. Dan ghaliex mill-provi li jemergu mill-atti jirrizulta inkonfutabbilment illi meta sehh l-allegat abbuz u cioe' fis-snin 2004/2005 A kellu l-eta' ta' sbatax-il sena. Id-difiza allura targumenta illi ghandha tapplika l-ligi l-iktar favorevoli ghall-appellant b'dan ghalhekk illi l-appellant ma jistax jinstab hati ta' agir li llum ma ghadux jitqies bhala reat.

Illi huwa indubitat, kif tikkontendi id-difiza, illi ghalkemm l-att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta sehh, madanakollu bl-emendi introdotti fil-ligi meta l-eta' minorenni giet mnaqqsa ghal dik ta' sittax-il sena, dan ma baqax jitqies bhala tali. Illi dan il-principju isib il-qafas tieghu bl-interpretazzjoni moghtija a

*contrario senso* tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fejn hemm dispost hekk:

> ***"No one shall be held guilty of any criminal offence on account of any act or omission which did not constitute a criminal offence under national or international law at the time when it was committed. Nor shall a heavier penalty be imposed than the one that was applicable at the time the criminal offence was committed."***

Illi l-Qorti kif ippresjeduta diga' esprimiet il-fehma taghha in materja meta ghamlet referenza ghad-decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem meta din fasslet l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-artikolu 7 tal-Konvenzjoni:

> ***"The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties .... The Court .... affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant."***[1]
>
> **Illi l-Qorti Ewropeja kompliet tirraferma din il-posizzjoni fid-decizjonijiet li segwew bhal Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014 fejn gie ritenut:**
>
> ***"The court notes that the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law, considered by the court in Scoppola (no. 2), as guaranteed by Article 7, is embodied in the rule that where there***

[1] Scoppola vs Italy App.No.12049/03 – 17/09/2009 (Grand Chamber)

***are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant."[2]***

**Sahansitra il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghad-dritt penali kien tal-fehma illi:**
***"In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation.***

***It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence."[3]***

**B'hekk illum ghalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proceduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qieghed jitqies illi huwa leziv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem."[4]**

Illi jidher allura li fid-dawl tal-emendi introdotti fil-mori ta' dan l-appell u cioe' permezz tal-Att XIII tal-2018, ghandha tapplika dik il-liġi l-aktar favorevoli għall-appellant u dan ghaliex fiż-żmien meta allegatment sehhew l-atti inkriminatorji fil-konfront tal-minuri A dan kien lahaq ghalaq l-eta ta' sbatax-il sena, u allura billi bl-emendi il-godda ghall-artikolu 203 tal-Kodici Kriminali ir-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni isehh meta l-awtur tar-reat jikkorrompi b'eghmil zieni persuna ta' taht is-sittax-il sena, dak li kien jikkostitwixxi reat

---

[2]Ara ukoll Ruban vs Ukraine – 12/07/2016 u Koprivnikar vs Slovenia.

[3] Informazzjoni miksuba minn artikolu minn The Times of Malta data 27 ta' Frar 2017 "The more lenient criminal law" miktub mill-Profs. Kevin Aquilina.

[4] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kif ippreseduta nhar it-28 ta' Settembru 2017.

meta sehh, illum ma ghadux jigi meqjuz bhala tali. Il-Qorti ser tilqa' l-aggravju imqajjem mill-appellant konċernanti l-akkuża ta' korruzzjoni ta' minorenni fir-rigward ukoll ta' A fejn konsegwentement din il-Qorti ser tghaddi sabiex tillibera lill-appellant minn din l-akkuza.

**Ikkunsidrat:**

Illi sorvolati dawn iz-zewg aggravji imressqa mill-appellanti li l-Qorti qieghda takkolji fejn allura l-appellant ser jigi illiberat mill-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu li fiha hemm enkapsolat ir-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni, jifdal biex jigu trattati l-ilmenti l-ohra minnu sollevati. Illi qabel xejn madanakollu l-Qorti tosserva illi gjaldarba l-Ewwel Qorti kienet sabet htija ghall-akkuza marbuta mar-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni, hija kienet ghaddiet biex tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni billi qieset gustament illi din kienet akkuza alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni. Dan ifisser illi illum, allura, ma hemmx pronunzjament dwar il-htija o meno tal-appellant dwar din l-akkuza, bl-Avukat Generali lanqas ma jintavola appell mid-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti fir-rigward.

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi gjaldarba l-aggravji tal-appellant ser jigu milqugha ghar-rigward tal-ewwel imputazzjoni, li minnha huwa ser jigi illiberat, u gjaldarba ma kienx hemm pronunzjament dwar l-akkuza alternattiva mill-Ewwel Qorti li astjeniet milli tiehu konjizzjoni taghha, din l-akkuza li fiha hemm mahsub ir-reat imfassal fl-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali ghandha tigi issa minnHa indirizzata minghajr il-htiega li l-atti jigu rimessi lura quddiem l-Ewwel Qorti ghad-determinazzjoni taghha. Dan qed jinghad ghaliex l-artikolu 428(6) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi dwar is-setghat wiesgha li ghandha l-Qorti tal-Appell, jipprovdi illi jekk l-appell ikun biss fuq il-mertu tal-kawża, il-qorti superjuri għandha tiddeċidi l-kawża billi twettaq, tbiddel jew tħassar is-sentenza li minnha jkun sar appell, b'dan pero' illi meta l-appell isir mill-persuna misjuba hatja il-piena ma ghandhiex tizdied u dan fit-termini tas-sub-

inciz (7) tal-imsemmija disposizzjoni tal-ligi. Illi allura gjaldarba l-appell intentat mill-appellant idur essenzjalment madwar l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti u allura jolqot direttament il-mertu tal-kaz, kwindi din il-Qorti ghandha is-setgha tbiddel is-sentenza li minnha jkun sar l-appell. Illi f'sentenza li ezaminat *funditus* dan il-kuncett gie deciz:

> **"...l-Qrati taghna kellhom diversi okkazjonijiet jitrattaw dwar il-punt, u s-sentenzi in rigward jindikaw illi fil-kaz ta' imputazzjoni jew akkuza alternattiv l-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha meta tkun sabet htija fl-imputazzjoni jew akkuza primarja. Hekk per ezemplari f'kaz ta' imputazzjoni ta' serq u fl-istess waqt imputazzjoni ta' ricettazzjoni tal-istess oggett, meta tinstab htija ta' serq tal-oggett, l-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjoni ta' ricettazzjoni la darba huwa ovvju li dik l-imputazzjoni hija wahda alternattiva. Jista' jaghti l-kaz li persuna tkun imputata ta' serq ta' oggett u ricettazzjoni ta' oggett iehor, izda dan ma japplikax ghal-dan hawn dibattut;**
>
> **Illi kif ser jinghad, ir-raguni moghtija mill-Qorti fis-sentenzi hawn riportati, huwa li meta jkun hemm liberatorja dwar imputazzjoni alternattiva, l-Qorti tal-Appell ma tkunx tista' ssib htija f'dik l-imputazzjoni fil-kaz meta l-imputazzjoni primarja ma tkunx tirrizulta;**
>
> **Fl-ewwel lok, traccjati dawn is-sentenzi insibu fosthom dik fl-ismijiet Il-Pulizija vs Carmel Muscat – App Krim 17.10.1977 fejn kien ritenut illi "L'alternattivita m'hemmx ghalfejn tigi espressament imsemmija fic-citazzjoni. Il-kaz klassiku hu ta' l-imputazzjonijiet (jew akkuzi) ta' serq ta' oggett u ta' ricettazzjoni ta' l-istess oggett, imputazzjonijiet li bilfors iridu jinqraw jew jifthemu bhala alternattivi". Fis-sentenza Il-Pulizija vs Carmelo Ciantar App Krim deciza 18.9.1996 l-appellant kien inizzjalment imputat fir-reat ta' hsara volontarja u dak ta' ragion fattasi u l-ewwel Qorti sabet htija fuq l-ewwel u lliberatu mit-tieni. Fuq appell tal-imputat, il-Qorti tal-Appell Kriminali irrizultalha illi l-ewwel Qorti ma setghetx, fuq dawk il-fatti, ssib htija dwar ir-reat ta' hsara volontarja u rrimarkat hekk: "Sfortunatament l-ewwel qorti, meta sabet lill-appellant, allura imputat, hati tal-ewwel imputazzjoni, flok ma astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni – kif kellha taghmel galadarba l-imputazzjonijiet kienu evidentement alternattivi – illiberat mit-tieni imputazzjoni, cioe minn dik ta'**

**"ragion fattasi". Dan ifisser li, fl-assenza ta' appell tal-prosekuzzjoni (u salv dejjem l-Artikolu 413(1)(b) tal-Kodici Kriminali) din il-Qorti ma tistax issa issib lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni"; L-istess ragjonament kien espress fis-sentenza Il-Pulizija vs Mary Vella – App Krim 1.2.2002 fejn intqal hekk: "Ghal kull buon fini din il-Qorti sejra ttenni dak li diga nghad f'diversi sentenzi u cioe li meta l-imputazzjonijiet jew akkuzi jkunu alternattivi, qorti ta' prim'istanza li ssib htija dwar imputazzjoni jew akkuza minnhom ghandha mhux tillibera mill-imputazzjoni jew akkuza alternattiva izda tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar taghha u dan sabiex b'hekk qorti ta' appell ma tigix prekluza milli tiddeciedi bil-kontra (fir-rigward ta' dawk l-imputazzjonijiet jew akkuzi alternattivi) fl-assenza ta' appell minn naha tal-prosekuzzjoni – ara f'dan is-sens Il-Pulizija vs Carmelo Ciantar App Krim 18/9/1996, Il-Pulizija vs Carmel Debono App Krim 1/11/1996 u Il-Pulizija vs Paul Abdilla u Alfred Oliva App Krim 20/11/2000". Fis-sentenza Il-Pulizija vs Mahmud Abudumehdin Tarek – App Krim 26.7.2002, ghalkemm f'materja ftit diversa, l-Qorti rriteniet illi "Dak li ma kienitx gustifikata taghmel dik il-qorti kien li "tillibera" lill-imputat mit-tielet imputazzjoni. Trattandosi ta' imputazzjoni ta' kommissjoni ta' reat (li jgorr piena ta' prigunerija) fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, fin-nuqqas ta' prova tal-identita' (jew anke kieku ma saritx il-prova tas-sentenza) Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha mhux tillibera izda semplicement tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar ta' dik l-imputazzjoni, bhalma jsir fil-kaz ta' imputazzjonijiet jew akkuzi alternattivi. B'hekk jithalla l-kamp liberu ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28D tal-Kodici Kriminali". Ssir referenza ukoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-12 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emanuel Vella (kwistjoni ta' nullita tas-sentenza meta l-Qorti tonqos milli tippronunzja ruhha fuq wahda mill-imputazzjonijiet) ; dik tal-1 ta' Dicembru 2008 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Diego Grixti et kif ukoll Il-Pulizija vs DCaruana App Krim 1.11.1996;**

**Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandu jkun hemm xi ripensament dwar din il-posizzjoni u dan anke wara li hasbet fit-tul mill-ottika tal-aspett ta' drittijiet fondamentali b'mod partikolari tal-potenzjali eccezzjoni ta' ne bis in idem. In rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-12 ta' Lulju 2011 fl-ismijiet Luke Farrugia vs L-Avukat Generali fejn kienet trattata id-distinzjoni li tinholoq bejn decizzjoni liberatorja dwar imputazzjoni li tkun ghaddiet in gudikat u s-setgha tal-qorti jew tal-gurati li jsibu htija fuq akkuza (alternattiva) ta' misappropriazzjoni u ricetazzjoni meta ma tinsabx htija fuq l-akkuza ta' serq ex artikolu 476(2) tal-Kodici Kriminali. Dik il-Qorti sabet li kien hemm lezjoni tad-**

**drittijiet fondamentali fl-ewwel ipotezi izda ma jkun hemm ebda ksur ta' dritt fl-applikazzjoni tal-artikolu 476(2) tal-Kapitolu 9."[5]**

Illi huwa għalhekk ċar mid-diċitura tal-ligi u tal-gurisprudenza in materja illi ġjaladarba l-Ewwel Qorti korrettement astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni, billi l-appell intentat jolqot il-mertu, din il-Qorti issa fi stadju ta' revizjoni, tista' titratta mal-ħati dwar dan ir-reat u tiddetermina jekk mill-provi prodotti tirriżultax ippruvata l-akkuża tal-attentat vjolenti għall-pudur kif ukoll tistabbilixxi, in linea mal-aggravji mressqa jekk l-appellant għandux ukoll jiġi ikkonfermat fil-ħtija ghar-raba u l-ħames imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

**Ikkunsidrat:**

Illi ghal dan il-ghan il-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti processwali minn fejn jirriżulta illi nhar is-6 ta' Jannar 2005 il-pulizija ġew infurmati illi kien iddaħħal l-isptar ġuvni ta' 17 il-sena, certu A minhabba konsum eccessiv ta' alkoħol. Irriżulta wkoll illi kif ġie f'tiegħu u beda jitkellem mat-tabiba kuranti gewwa l-isptar, hu kien allega illi kien ġie abbużat sesswalment minn ghalliem tieghu gewwa l-Junior College. Infatti A kien allega illi l-appellant kien mar għalih wara l-iskola fejn baqghu sejrin id-dar tiegħu ġewwa Ħal-Safi. Hanwhekk huwa kien tah ħafna nbid x'jixrob u wara stiednu sabiex jaghmlu atti sesswali bejniethom. Meta l-pulizija tkellmu aktar ma' A dwar dan l-inċident hu kien irrefera wkoll għal żewġ inċidenti oħra fejn l-appellant kien ħadu Chadwick Lakes u kien għamel atti sesswali miegħu fil-vettura tiegħu qabel wasslu lura d-dar. In oltre xi xhur qabel il-pulizija kienu tkellmu wkoll ma' minorenni ieħor certu B li kien għamel allegazzjonijiet simili fil-konfront tal-appellant. B kien irrefera għar-ritratti erotici illi l-appellant kien ħadlu

[5] Pulizija vs Raymond Debono deċiża nhar it-28 ta' Novembru 2016 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ippreseduta mill-Imħallef Giovanni Grixti.

f'uhud minnhom għarwien.  Dan ix-xhud saħaq illi anki hu kien ġie abbużat sesswalment mill-appellant b'okkazzjonijiet minnhom jigi pprenetrat b'subgħajn l-appellant fil-warrani.  L-appellant ġie mitkellem fejn filwaqt li kkonferma li kien jaf lil A irrifjuta illi jwieġeb ghal mistoqsijiet dwar B.  In oltre meta l-appellant għażel li jixhed quddiem l-Ewwel Qorti hu ċaħad kategorikament dak allegat fil-konfront tiegħu fejn insista li l-episodji rakkontati minn dawn il-minuri qatt ma seħħew. Inoltre jishaq li r-ritratti pornografiċi li nstabu fil-kompjuter tiegħu, ma kenux gew imnizzla minnu, izda dan il-materjal pornografiku  x'aktarx ġie nstallat ad insaputa tiegħu minn xi guvintur li huwa kien jospita gewwa daru.

Illi meta giet biex taghmel l-apprezzament tal-provi migjuba quddiemha l-Ewwel Qorti, ghamlet referenza għad-deposizzjonijiet tal-parte ċivile, dik tal-appellant kif ukoll dik tas-Supretendent Paul Caurana illi analizza ċ-*chat logs* li nstabu fuq il-kompjuter elevat mill-pulizija mir-residenza tal-appellant.  L-appellant jilmenta mil-fatt illi, fil-fehma tiegħu, l-Ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-provi minnu mressqa u x-xhieda prodotti minnu li fil-fehma tiegħu ixejnu l-verżjoni ta' A u jindikaw illi hu mhuwiex xhud kredibbli.

Illi kif inghad, il-Qorti fliet l-atti proċesswali voluminużi ta' dan l-każ fejn qieset bir-reqqa kemm il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni kif ukoll dawk kollha prodotti mill-appellant u fil-fehma tagħha x-xhieda difensjonali ma jxekklu b'ebda mod il-verżjoni tal-fatti kif imfissra minn A dwar l-inċidenti tal-abbuz li sofra minn taht idejn l-appellant.  Dan qed jingħad b'mod ewlieni minħabba l-fatt illi dawn ix-xhieda ma setghux jikkonfermaw o meno jekk dawn l-abbużi seħħewx, b'uhud minnhom m'huma xejn hlief *character witnesses* għall-appellant fejn ilkoll kemm huma jitkellmu dwar l-istima li ghandhom lejh u fl-istess ħin  jagħmlu ħilithom sabiex jpinġu stampa hazina tal-karattru ta' A b'allegazzjonijiet li dan huwa persuna inaffidabbli u li jabbuza mill-alkohol u mill-i*steroids*, u dan meta uhud minn dawn ix-xhieda jew lanqas biss qatt ltaqghu miegħu jew *ex admissis* jindikaw li dak li jafu dwaru jafuh minn dak li

qalilhom l-appellant stess. Meta imbaghad l-appellant fix-xiehda tieghu jichad dak allegat fil-konfront tiegħu minn A u B dan jaghmlu fuq serje ta’ kongetturi u ipotezijiet li huwa ma iressaq ebda prova dwar l-istess u dan sal-grad minnu mehtieg tal-probabbli.

1. Jishaq illi B u A ftiehmu bejniethom biex jaghmlulu l-hsara u dan meta l-appellant ma baqax jilqa’ lil B fid-dar tiegħu wara li skond hu, kien sab xi flus neqsin. Din hija mera ipotezi u ibbazata fuq kongetturi bhal meta jasal ghal konklużjoni li hemm xi konnessjoni bejniethom minn kunjom il-*careworker* ta’ B illi huwa ‘A’ u li allura jixbaħ konsiderevolment dak ta’ A, liema fatt però, qatt ma ġie korroborat minn din il-*careworker* li filfatt xehdet quddiem l-Ewwel Qorti.
2. Jallega wkoll illi r-ritratti pornografiċi li nstabu fil-kompjuter tiegħu, dawn ma niżżilhomx hu, izda student Spanjol li kien għamel xi żmien jirresjedi fir-residenza tiegħu u li skond hu kien qed iniżżel il-pornografija fuq il-kompjuter tal-appellant mingħajr il-kunsens jew il-konsapevolezza tiegħu. Jgħid ukoll illi peress illi kellu l-programm Ares installat fuq il-kompjuter tiegħu, kien hemm ir-riskju illi l-kompjuter jiġi espost għal siti pornografiċi fejn konsegwentement setgħa tniżżel ċertu materjal pornografiku. Prova illi huwa kien jospita lil dawn l-istudenti barranin izda ma jressaqx u lanqas jindika min huma dawn l-istess studenti, meta kienu jirrisjedu ghandu u kemm damu hemmhekk. Il-fatt illi huwa jressaq xhud li jikkonferma li kellu dawn il-*viruses* fil-kompjuter tieghu ma jeradikax il-fatt illi l-materjal pornografiku jew il-programmi li setghu iwasslu ghal dan il-materjal tnizzlu mill-appellant stess.
3. L-appellant jressaq ipotezi ohra dwar il-ħin disponibbli li kien hemm sabiex sehh l-abbuz meta fil-jum tas-06 ta’ Jannar 2005 huwa kien stieden lil A id-dar ghall-ikel flimkien ma’ xi zewg konoxxenzi tieghu, li hu iressaq bhala xhieda in difeza. C li kien mistieden għall-ikel kien wasal għandu qrib is-siegħa filwaqt illi x-xhud DD jiftakar li kien sema l-qniepen ta’ nofs in-nhar idoqqu meta mar għand l-appellant biex jiġbor il-kopji tal-magażin “Sunday First” fejn jiftakar li kien hemm persuna ta

madwar għoxrin sena fuq il-kompjuter tal-appellant li hu ma kienx f'posizzjoni illi jgħaraf u fejn dan l-istess xhud jgħid illi hu kellu seba' mitt sena sabiex jitlaq minn hemmhekk peress illi kellu impenn ieħor għal ħin l-ikel, apparti għall-fatt illi milli jgħid hu, il-kelba tal-appellant kienet iddejqu. D jgħid ukoll illi jidhirlu li dam madwar għoxrin minuta hemmhekk u dan ix-xhud ma jgħid xejn dwar persuna oħra fir-residenza tal-appellant fejn allura huwa ċar minn dak illi D stess iddepona illi C kien għadu ma wasalx sakemm kien hemm hu fatt li jkompli jikkonferma li C kien wasal għand l-appellant aktar tard minn hekk, u ċioe' aktar qrib is-siegħa skond kif xehed l-istess appellant u kif kien xehed ukoll fl-ewwel deposizzjoni rrilaxxjata minn C stess. Kwindi fil-fehma tal-Qorti dak li allegatament seħħ bejn l-appellant u A seta' seħħ fl-intervall bejn il-vizita tas-Sur D u l-wasla ta' C.

4. L-allegazzjoni illi A kien irrapporta inizjalment mat-tabiba Audrey Cachia li kien gie abbuzat ukoll minn C, hija affermazzjoni li tirrizulta biss minn xi notamenti li kienet hadet din ix-xhud a tempo vergine liema xhud xehdet snin wara permezz tal-procedura tar-rogatorji. Sussegwentment din l-allegazzjoni qatt ma regghet saret minnu, la mal-pulizija u lanqas meta xehed fil-qorti. Illi allura ghalkemm fil-fehma tad-difiza dan jindika kemm hu inattendibbli dak li ighid A, il-Qorti tinnota illi kemm minn dak illi jixhed A quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll minn dak li hu stqarr mal-pulizija, qatt ma semma' li kien vittma ta' abbuz minn taht idejn dan C u dejjem baqa' konsistenti fil-verzjoni tieghu. Jikkonferma biss illi dak in-nhar li sehh l-abbuz minn taht idejn l-appellant kien wasal dan C fid-dar tal-appellant izda qatt ma jallega li dan kien komparteċipi f'dawn l-atti indicenti. Jgħid biss illi kien qed iħossu ma jiflaħx ħafna u ma jiftakarx kif wasal id-dar fejn minn dak li ddepona C stess, jirriżulta li filfatt kien C li wasslu d-dar peress illi l-appellant kellu xi nies oħrajn ġejjin jieklu għandu filgħaxija u b'hekk kien impenjat.

5. L-appellant iressaq diversi xhieda li jew kif inghad ma kenux jafu lil A jew inkellha kienu iltaqghu mieghu f'okkazzjoni wahda. Illi allura dak li

jaffermaw dawn ix-xhieda ma jista' qatt ixejjen il-verzjoni tal-parti leza, billi qatt ma kienu prezenti ghal xi abbuz.

6. Id-dokumentiipprezentati mill-appellant fil-kors tax-xiehda tieghu quddiem l-Ewwel Qorti huma biss kopji mhux awtentikati u lanqas ikkonfermati mill-awtur taghhom u kwindi ma jilhqux il-grad tal-prova mistennija minnu.

Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tqies illi l-Ewwel Qorti qabilha setghet legalment u ragjonevolment taghti affidament lil verzjoni tal-fatti moghtija mill-parti leza u mhux dik tal-appellant. Fuq kollox l-appellant stess jammetti illi kien jistieden lil dawn il-guvintur ghandu id-dar, kien imur ghal dawriet maghhom bil-karozza tieghu u kien anke johorg maghhom Paceville. Jommetti biss dawk il-partijiet fejn sehh l-abbuz u ighid li dawn l-episodji huma frott ta'l-imaginazzjoni ta' dawn iz-zewg guvintur, meta fl-istess nifs jammetti illi kien hemm okkazzjoni wahda gewwa Paceville meta bies lil A fuq xofftejh waqt li kienu fit-*toilet*. Fuq kollox izda il-qorti tqies illi r-rapporti ipprezentati mill-ex Supretendent Paul Caruana u Dr. Martin Bajada ma jhallu ebda ombra ta' dubbju dwar ir-reita ta'l-appellant mhux biss ghaliex mic-*chat logs* huwa evidenti li hemm skambju ta' messaggi bejn l-appellant u il-parti leza b'konnotazzjonijiet ta' natura sesswali, ghalkemm huwa jipprova ibiddel l-identita' tieghu, izda ukoll ghaliex ir-ritratti esebieti li nstabu fil-kompjuter tal-appellant fejn hemm mhux biss ritratti ta' subien ghera u f'posizzjonijiet kompromettenti u sesswali, li tnizzlu minn xi siti pornografici, izda ukoll ritratti li jidhru li mhumiex imnizzla minn xi sit elettroniku u allura li l-appellant stess iddownlowdja fuq il-kompjuter tieghu.

Stabbilit ghalhekk illi l-verzjoni tal-fatti tal-vittmi hija aktar verosimili l-Qorti ser tghaddi biex tikkonsidra jekk jirrizultax ippruvat ir-reat mahsub fl-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali u wkoll jekk l-Ewwel Qorti setatx legalment u ragjonevolment issib htija fl-appellant ghar-raba' u l-hames imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra il-Qorti tirrileva illi r-reat tal-attentat vjolenti fuq il-pudur ukoll intmess mil-legislatur b'dan illi l-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali fiz-żmien mertu tal-każ kien jaqra kif ġej:

*"Kull min jinsab ħati ta' attentat vjolent għall-pudur li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa sena:*

Bl-artikolu 201 tal-Kodiċi Kriminali iqies dawk ċ-ċirkostanzi fejn l-element tal-vjolenza huwa preżunt li jissussisti. Dan l-element tal-vjolenza illum gie eradikat mill-artikolu 207 permezz tal-emendi li dahhlu fis-sehh bl-Att XIII tal-2018, sabiex illum jissussisti r-reat kull meta l-att vjolattiv isir 'mingħajr il-kunsens' tal-vittma. Fil-fehma ta' din il-Qorti, madanakollu, fid-dawl tal-interpretazzjoni moghtija mill-gurisprudenza tul is-snin dan l-element tal-vjolenza kien dejjem gie interpretat li jissussisti kull meta l-att inkriminatorju jsir mill-awtur tar-reat minghajr il-kunsens tal-vittma. Illi din il-Qorti kif ippresjeduta kellha okkazzjoni taghti interpretazzjoni ta' din il-bidla li sehhet fil-ligi fis-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Oglive Grima[6]:

> **.... permezz tal-emendi introdotti bl-Att XIII tal-2018 dan l-element gie eradikat biex b'hekk issa l-att materjali tar-reat twessa' u dan meta illum jitqies hati kull minn jikkometti att ta' natura sesswali minghajr il-kunsens tal-vittma, bil-ligi ma toffri ebda definizzjoni ta' dak li ghandu jikkostitwixxi l-att materjali.**
>
> **...Illi llum l-legislatur haseb sabiex darba ghal dejjem jekwipara dan l-element tal-vjolenza ma' dak tan-nuqqas tal-kunsens similment ghal posizzjoni legali fil-ligi brittanika fejn kull att sesswali jew**

[6] Deċiża minn din il-Qorti tal-Appell kif ippreseduta nhar it-30 ta' Settembru 2020.

**tentattiv ta' att ta' natura sesswali minghajr il-kunsens tal-vittma jammonta ghal reita'. Jinghad madanakollu illi l-gurisprudenza, mal-medda taz-zmien, xorta wahda rabtet dan l-element tal-vjolenza ma' dak fejn jonqos il-kunsens tal-vittma.**

**"L-attentat vjolent ghall-pudur, jew oltragg vjolent ghall-pudur, hu kostitwit minn <u>dawk l-attijiet impudici kollha li jigu kommessi fuq persuna ohra kontra l-volonta' taghha</u> li ma jammontawx ghal wiehed mid-delitti, ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel dak numru 222 tal-Kodici Kriminali. Hu difficli tirraviza l-figura ta' tentattiv ta' dan ir-reat; ghax jekk l-attijiet impudici ghandhom ga bidu, l-attentat jispicca u dawk l-attijiet jirrapprezentaw vjolazzjoni ga kompleta tad-dritt attakkat, minghajr ma hemm bzonn li wiehed jara jekk il-hati rraggungiex jew le l-iskop impudiku tieghu; mentri jekk l-atti impudici ma jkollhomx bidu, allura jitqiesu biss bhala atti preparatorji, u l-attentat jisparixxi."[7]**

**Illi l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fir-rigward tan-Nisa u l-Vjolenza Domestika jaghti is-segwenti definizzjoni ta' dak li ghandu jikkostitwixxi vjolenza kontra n-nisa:**

**"violence against women" is understood as a violation of human rights and a form of discrimination against women and shall mean all acts of gender-based violence that result in, or are likely to result in, physical, sexual, psychological or economic harm or suffering to women, including threats of such acts, coercion or arbitrary deprivation of liberty, whether occurring in public or in private life."**

**Illi din id-definizzjoni thaddan fiha kull forma ta' vjolenza sew morali sew fizika, sesswali u psikologika jew kull forma ta' hsara maghmula kontra persuna tas-sess femminili li tinkludi anke it-theddida ghall-istess.**

**...Gie deciz illi anke l-att kważi fuġġesk tal-awtur tar-reat mhux magħmul b'intenzjoni libidinuża u wkoll nieqes mill-potenzjalita` korruttriċi iżda sufficjenti biex jiġi oltraġġat il-pudur tal-minorenni (jew almenu ta' uħud minnhom), kien bizzejjed sabiex jivverifika ruhu r-reat mahsub fl-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali bhala aġir li għandu jitqies li jikkostitwixxi attentat vjolenti għall-pudur.[8]**

[7]Pulizija vs Gerald Cassar deċiża nhar it-18 ta' Lulju 1959 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) u ppresduta mill-Imħallef Joseph Flores.

[8] Il-Pulizija vs Omissis – App.Inf. 164/2012 deciza 22/03/2017

Issa mill-provi jirrizulta illi fil-jum tas-06 ta' Jannar 2005 il-parti leza kien ftiehem mal-appellant, sabiex hu jiġbru mill-iskola għall-ħabta tal-11 ta' filgħodu fejn minn hemmhekk baqghu sejrin fir-residenza tal-appellant ġewwa Ħal-Safi. Huwa nkontestat illi waqt li kien qieghed hemmhekk il-parti leza ghamel xi xoghol tal-iskola dwar l-istudji ambjentali, izda wara dan skond A hu u l-appellant bdew jaraw films pornografiċi u l-appellant beda joffrielu l-inbid. Skond A l-appellant beda jaqbadlu l-parti privata tiegħu, fejn ghalkemm ghall-ewwel dan oggezzjoni, izda billi l-alkohol beda ikollu effett fuqu ighid li hu accetta li jitilgħu fil-kamra tas-sodda tal-appellant sabiex jagħmlu xi affarijiet oħrajn fejn l-appellant kien talbu jinża. Demanuele kien ipproċeda sabiex jagħmel sess orali fuq A filwaqt illi l-appellant kien qed jimmasturba lilu nnifsu. Wara li l-appellant u l-parte ċivile eġakulaw, l-appellant inħasel u niżel isfel fejn beda jsajjar u ftit tal-ħin wara wasal C għall-ikel.

Illi magħdud dan kollu minn dawn il-fatti din il-Qorti hija tal-fehma illi l-elementi tar-reat mertu tat-tielet imputazzjoni ġew ippruvati u dan mhux biss ghaliex A mill-ewwel indika illi huwa ma kienx qed jiehu pjacir b'dawn l-avvanzi sesswali tant illi beda joggezzjona ghal dawn it-tokkamenti, izda ukoll ghaliex l-appellant sussegwentment meta kien evidenti li l-parti leza kien diga' taht l-effett tax-xorb abbuza minn din il-vulnerabbilita' tieghu u stiednu jaghmel atti impudici ohra li l-vittma tieghu ma setax jirresisti, ċirkostanzi li jinkwadraw ruħhom fil-preżunzjoni tal-vjolenza skond id-dettami tal-artikolu 201(b) tal-Kodiċi Kriminali. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti hija tal-fehma illi hemm biżżejjed provi sal-grad rikjest li jwasslu ghal htija ghat-tielet imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

**Ikkunsidrat:**

Illi apparti din l-okkazzjoni fejn l-appellant abbuza mill-parti leza, A jindika wkoll żewġ okkazzjonijiet oħra fejn l-appellant kien ħadu Chadwick Lakes fil-vettura tiegħu qabel wasslu d-dar fejn l-appellant kien għamel sess orali mieghu. Illi huwa indubitat illi tali agir jinkwadra ruħu f'offiża għal pudur jew il-morali b'egħmil li sar f'lok pubbliku u/jew espost għall-pubbliku fejn konsegwentement l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tasal għar-responsabbilta' kriminali tal-appellant f'dan ir-rigward.

Illi finalment għal dak li jirrigwarda r-raba imputazzjoni, l-appellant jinstab mixli li kellu fil-pussess tiegħu ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indiċenti, li juru persuna ta' taħt l-eta'. F'dan ir-rigward l-appellant mhux qed jikkontesta li hu filfatt instab fil-pussess ta' diversi ritratti pornografiċi illi jinstabu elenkati fir-rapport ta' Dr. Martin Bajada[9] u li dan il-kontenut instab fuq il-kompjuter li kien fir-residenza tiegħu, kif ikkonfermat ukoll mis-Supretendent Paul Caruana. Issa ghalkemm kif inghad l-appellant jallega illi hu ma kienx il-persuna illi niżżel dawn ir-ritratti izda student Spanjol li kien għamel xi żmien jirresjedi għandu, madanakollu kif jikkonfermaw ix-xhieda li tressqu in difeża, jirrizulta illi l-appellant kellu l-programm *Ares* installat fil-kompjuter tiegħu li jista' jiftaħ bieb għal materjal pornografiku, liema materjal jista' jitniżżel minn kull utent tal-kompjuter. Dawn ix-xhieda, madanakollu, ma kienux esperti maħtura mill-Qorti li analiżżaw il-kompjuter tal-appellant sabiex jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar jekk dak kontenut fil-kompjuter tal-appellant kienx filfatt tniżżel minnu intenzjonalment jew le. Kwindi kwalunkwe veduta li tali xhieda setgħu kellhom dwar il-kompjuter tal-appellant u dwar il-kontenut tal-istess hija evidenza li din il-Qorti mhijiex ser toqgħod fuqha.

---

[9] Dok MB a folio 307 tal-atti proċesswali.

In oltre din il-Qorti għandha dubbji serji dwar il-veraċita' ta' dak mistqarr mill-appellant ukoll f'dan ir-rigward. Dan ghaliex A stess ighid illi hu kien fil-fatt ra 'adult movie' mal-appellant li kwindi kien ben konsapevoli dwar dak li kellu fil-kompjuter tiegħu kif ukoll fid-dawl taċ-*chats* li gew misjuba fl-imsemmi kompjuter illi jagħtu stampa kemmxejn differenti minn dik li qed jipprova jagħti l-appellant dwar il-karattru u l-preferenzi sesswali tiegħu. Kif qalet tajjeb l-Ewwel Qorti l-kontenut pornografiku jinkludi diversi ritratti ta persuni għarwenin li jidhru li huma ta' taħt l-eta' iżda li ma jidhrux li għandhom inqas minn disa' snin. In oltre filwaqt li jingħad illi fil-parti l-kbira dawn ir-ritratti huma biss *nudes*, b'ebda xejra artistika, hemm ukoll xi ritratti aktar espliċiti fejn jidher li qed issir attivita' sesswali iżda li f'dawn il-każijiet tidher li tikkonċerna persuni ta' eta' akbar. Konsegwentement anki f'dan ir-rigward l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fil-konfront tal-appellant, liema konklużjonijiet mhumiex ser jiġu ddisturbati minn din il-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Illi jifdal biss l-aħħar gravam interpost għal dak li jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti bl-appellant jikkontendi illi din il-piena hija waħda eċċessiva. Illi l-Qorti necessarjament trid tvarja l-piena inflitta tenut kont illi l-appellant ser jigi illiberat mill-ewwel akkuża tal-korruzzjoni ta' minorenni filwaqt li ser tinstab htija ghar-reat tal-attentat vjolenti għall-pudur fil-konfront unikament tal-parti leza A.

Illi l-piena applikabbli għar-reat taħt l-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali fiż-żmien meta l-appellant gie mixli bil-kummissjoni tal-istess, kienet fil-minimu taghha dik tal-prigunerija ghal zmien tlett xhur sa massimu ta' sena. Mill-banda l-oħra l-ksur taħt l-artikolu 208A u 209, bl-applikazzjoni dejjem ta' l-aktar pieni favorevoli, hija dik ta' mhux aktar minn sitt xhur prigunerija u/jew multa u għal prigunerija mhux aktar minn tlett xhur u multa rispettivament. Dan ifisser illi ghandu jkun hemm riduzzjoni fil-piena sabiex jigi rifless dak

deciz f'din id-decizjoni. Illi l-Qorti ser tqies ukoll il-fedina penali tal-appellant li hija wahda nadifa kif ukoll iz-zmien twil li fih damu ghaddejjin dawn il-proceduri.

Illi dan maghdud, madanakollu, l-Qorti mhijiex tal-fehma illi l-appellant jimmerita piena alternattiva għal dik karċerarja. Dan ghaliex, kif gustament tistqarr l-Ewwel Qorti fid-decizjoni appellata, l-appellant ħa vantaġġ mill-posizzjoni ta' fiduċja li kien igawdi bhala ghalliem f'istituzzjoni akkademika fejn zaghzagh bhal A jirrikorru sabiex ikomplu bl-istudji taghhom. Evidentement hu approfitta' ruħu mir-rwol ta' edukatur sabiex iqarreb lil vittma lejh u dan għamlu wkoll billi ħoloq relazzjoni tramite ċ-*chats* fuq l-MSN bl-użu ta' diversi laqmijiet differenti fejn mill-kontenut tagħhom jidher illi din evolviet għal waħda fejn il-partijiet ġieli tkellmu dwar intimita' sesswali bejn l-irġiel b'mod espliċitu, u liema diskors fil-fehma tal-Qorti kien qed isir bl-iskop illi dan il-guvnott, li jidher illi seta' kellu xi konfużjoni dwar l-orjentazzjoni sesswali tiegħu, iħossu komdu jesperimenta mal-appellant. Apparti minn hekk hemm ukoll id-differenza fl-eta' bejn l-appellant u l-vittma f'dan il-każ illi allavolja ma kienx xi tifel żgħir izda tqiegħed f'sitwazzjoni ta' vulnerabbilta' fil-mument meta seħħew l-abbużi fil-konfront tiegħu mill-appellant meta ingħata xorb alkoholiku, aġir indubbjament mhux mistenni minn edukatur allegatament eżemplari li qed jagħti il-privat lil student fir-residenza tiegħu.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell in parte, tghaddi ghalhekk biex filwaqt illi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant gie misjub hati tar-raba' u tal-ħames imputazzjonijiet u fejn hu gie lliberat mit-tieni mputazzjoni, tghaddi biex tirrevokaha fejn l-appellant gie misjub hati tal-ewwel imputazzjoni u fejn l-Ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni, u minflok tghaddi biex tilliberah mill-ewwel imputazzjoni u wara li rat l-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali issibu hati tat-tielet imputazzjoni. Tvarja il-piena inflitta u konsegwentement tikkundannah għall-piena kumplessiva ta' sitt xhur priġunerija.

Il-Qorti tordna mill-ġdid id-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem A u tal-familjari tiegħu fi kwalunkwe mezz ta' xandir u dan sabiex tiġi protetta l-identita' tiegħu.

Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, bl-ordni lir-Registratur tal-Qorti sabiex jaghmel dak mahsub fil-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

Edwina Grima
Imhallef